KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 358**

**It-Tnejn 16 ta' Lulju, 2018**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi, fis-sebgħa ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Alessia Psaila Zammit –Sindku
Is-Sur Julian Borg – Vici Sindku
Dr Mark Anthony Vassallo - Kunsillier
Is-Sur Domenic Grech – Kunsillier
Is-Sin. Gillian Farrugia Pace – Kunsilliera
Is-Sur Nicholas Cassar – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Is-Sur Clayton Cutajar – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Keith Galea– Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Dr Alessia Psaila Zammit ppresidiet il-laqgħa.

**358.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

358.1.1 Inqrat l-ittra ta' apologija tas-Sur Clayton Cutajar.

**358.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

358.2.1 Inqraw il-minuti tas-Seduta numru 357. Is-Sindku pproponiet li l-minuti tal-laqgħa numru 357 jkunu approvati bħala korretti. Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**358.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

358.3.1 Is-Sindku qalet li fir-rigward tal-progett b'fondi mill-UE ghat-toroq rurali, gew approvati l-estenzjonijiet mitluba, filwaqt li sari l-process biex jinfetah kont bankarju mal-Bank Centrali ta' Malta biex il-Kunsill ikun jista' jiprocessa l-pagamenti.

358.3.2 Is-Sindku qalet li l-Kunsill ircieva ittra dwar sitwazzjoni fi Triq Hal Xluq. Il-Kunsill qabel li ssir laqgha ma min ressaq il-proposti flimkien am espert tekniku mqabbad mill-kunsill biex is-sitwazzjoni tkun ezaminata aktar fid-dettal.

358.3.3 Is-Sindku qalet ukoll li l-Kunsill ircieva korrispondenza b'talba ghal kumpens, minghand persuna li allegatament waqghet fi Pjazza San Nikola. Il-Kunsill qabel li jkun ikkonsultat l-Avukat tal-kunsill.

358.3.4 Is-Sindku tkellmet ukoll fuq l-izvillupp tal-bini tal-latrina ta' Ghar Lapsi, hi stiednet lil kuntrattur biex jaghti rendikont ta' f'hiex waslu x-xoghlijiet u sa kemm fadal biex ilesti hekk kif il-kuntrattur ma bediex izzomm mad-dati stabilliti fil-work plan. Il-Kuntrattur minn naha tieghu tkellem fuq problema li sab matul ix-xoghlijiet u wieghed li qed jaghmel l-almu kollu tieghu biex il-progett jitlesta mill-aktar fis possibbli. Il-Kunsill lokali talab lil kuntrattur revizjoni tal-work plan biex il-kunsill ikollu stampa aktar reali meta se jkunu lesti ix-xoghlijiet. Il-Kunsill sostna li kien diga ta' estenzjoni ghad-data tat-tlestija tal-progett u li l-kuntrattur kellu obbligu jonora. Il-Kunsill innota wkoll li l-kuntrattur ikrea dewmien fil-progett minn naha tieghu, b'numru ta granet fejn fihom ma sarux xoghlijiet. Il-Kunsill fakkar lil kuntrattur fl-obligi kuntratwali tieghu kollha u li l-kunsill lokali lest jiehu l-mizuri kollha kif stipulati fil-kuntratt biex ihares l-interessi tal-Kunsill.

358.3.5 Is-Sindku infurmat ukoll lil Kunsill li l-konferneza tal-ahbarijiet dwar il-progett ta' thawwil ta' sigar mill-MCCF flimkien mal-President tar-Republika se ssir fil-21 ta' Lulju, il-hin ghandu jkun ikkomunikat aktar 'il quddiem.

358.3.6 Is-Sindku aggornat lil Kunsill dwar l-inizjattiva mill-hbieb ta' Anabelle Vassallo. Hi qalet li saret l-ewwel laqgha u li l-applikazzjonijiet ghall-

progetti ghandhom jinfethu fl-ewwel ta' Awwissu bil-prezentazzjoni tal-progetti ssir f'Jum is-Siggiewi 2019.

### 358.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

358.4.1 Il-vici sindku Julian Borg staqsa f'hiex kien wasal il-process ta konsultazzjoni ma l-espert tekniku dwar traffic management ghal-Pjazza San Nikola. Is-Sindku talbet lis-Segretarju, jispjega f'hiex wasal il-process. Is-Segretarju qal li ltaqa' mal-espert tekniku u li kien qed jiprepara numru ta' proposti fosthom li t-toroq ta' madwar il-kapella tal-qtugh ir-ras ta' San Gwann issir b'sistema ta' one way fejn minn gej mill-pjazza ma' jkollux access dirett ghal Triq San Gakbu u allura jkollu jghaddi mit-triq ta' bejn il-Kappella u c-Centru Civiku, u jdur ghal triq San Gakbu minn wara l-Kapella. Il-proposta tinkludi wkoll li kull min ikun niezel minn Triq San Gakbu ikollu jikser ghal Pjazza San Nikola u kull min ikun gej minn Triq Lapsi, jkollu jdur minn wara l-Kappella biex jidhol fil-pjazza. Il-Vici Sinku ghandu jkellem hu wkoll lil espert tekniku tal-Kunsill fuq numri ta' proposti inkluz traffic calming measures fit-Triq ta' San Niklaw u Triq Dun Manwel Zammit biex jitressqu l-proposti ghall-approvazzjoni tal-Kunsill fil-gimghat li gejjin. Kien hemm ukoll mistoqsija dwar is-sitwazzjoni fi Trejqet l-Angli. Il-Kunsill qabel li ssir laqgha bejn TM u l-Ministeru tat-Trasport dwar din it-Triq.

### 358.5 Process ta' Ghazla ghal-Segretarju Ezekuttiv gdid:

358.5.1 Is-Sindku qalet li rceviet ir-rizenja tas-Segretarju Ezekuttiv mil-kariga. Is-Segretarju qal li qed jirrizenja min]abba opportunita' ta' avvanz fil-karriera tieghu. Is-Segretarju informa lil Kunsill li s-sejha ghall-persuni elegibbli biex ikunu segretarji ezekuttivi skont l-att tal-Kunsilli Lokali harget. Hu qal li l-Kunsill irid ja]tar board tal-ghazla biex isiru l-interviews u li fihom is-segretarju ezekuttiv uxxenti jservi ta' segretarju tal-board tal-ghazla. Il-Kunsill lokali hatar lis-Sindku biex isservi bhala chairperson tal-board, u bhala membri inhatru l-Kunsilliera Dr Mark Anthony Vassallo u s-Sur Dominic Grech. Is-Segretarju rringrazzja lis-Sinki li hadem maghhom fl-ahhar sentejn lil Dr Karol Aquilina u Dr Alessia Psaila Zammit, u lil kunsillera u l-istaff tal-kunsill ghal-koperazzjoni kollha taghhom. Is-Sindku u l-Kunsilliera rringrazzjaw lis-Segretarju Ezekuttiv ghal-hidma tieghu ghas-Siggiewi u ghas-Siggiwin.

### 358.6 Diskussjoni u Approvazzjoni tar-rapport finanzjarju b'rabta mat-tieni kwart tas-sena 2018.

358.6.1 Is-Sindku tablet lis-Segretarju jispjega. Is-Segretarju qal li l-accountant tal-Kunsill kien ghadu qed jaghlaq x-xoghlijiet fuq dan ir-rapport u talab li dan jitressaq f'seduta ohra.

**358.7 Hrug t' Offerti**

358.7.1 Is-segretarju Eżekuttiv qal li qed isir xoghol ta' preparazzjoni biex jinhargu l-offerti ta' qtugh ta' haxix fiz-zona rurali, manutenzjoni u bini ta' bankini, u tender ghal resurfacing ta' toroq. Il-Kunsill qabel li jinhargu dawn l-offerti.

**358.8 Festa Gheneb**

358.8.1 Is-Sindku qalet li x-xoghol preparatorju ghal-festa gheneb ghaddej b'ritmu tajjeb, qalet ukoll li ghaddejja b'laqghat biex jinstabu fondi ghal din l-attivita minn kumpaniji privati.

**358.9 Applikazzjonijiet mal-Awtorita' tal-Ippjanar:**

358.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lista ta' applikazzjonijiet li dahlu mal-Awtorita' tal-ippjanar biex isir xi tip ta zvillup fis-siggiewi.

**358.10 Rapport tal-ilmenti**

358.10.1 Is-Segretarju pprezenta r-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċeiva bejn l-ahhar seduta u t-Tnejn 16 ta' Lulju.

**358.11 Rapport tal-korrispondenza**

358.11.1 Is-Segretarju pprezenta r-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċeiva bejn l-ahhar seduta u t-Tnejn 16 ta' Lulju.

**358.12 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa.**

358.12.1 Is-Sindku qalet li hemm parti zghira ta' bankina perikoluza hdejn Pam's u tablet li tingieb stima ghax-xoghlijiet.

358.12.2 Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace qalet li hem bzonn tiswija ta' parti mill-bankina fi triq Dun Manwel Zammit

358.12.3 Il-Kunsillier Dominic Grech qal li hem bzonn tabella fi Triq Hal Kbir biex karozzi ma jipparkjaw iharsu lejn id-djar u mhux bil-kontra biex ikunu evitati l-emmissjonijiet mad-djar tan-nies.

358.12.4 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandha ssir talba ghall-Gwardjani lokali fi Triq Santa Margerita hdejn iz-zona kummercjali, minhabba n-numru ta incidenti li qed ikun hemm.

**358.13 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

358.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku pproponiet li l-pagamenti jkunu approvati mill-Kunsill. Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**358.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

358.14.1 Il-laqgħa intemmet fid-8.30p.m. u s-Sindku pproponiet li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill issir nhar it-Tnejn 6 ta' Awwissu 2018 fis-6.0p.m. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Konfermati, illum 6 ta' Awwissu 2018.

Dr Alessia Psaila Zammit
Sindku

Ritienne Giorgino – Deputat
Segretarju Eżekuttiv